**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru: 22 / 2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Austin Mallia**

**Illum, 7 ta' Dicembru, 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' akkuza migjuba fil-konfront ta' Austin Mallia, iben Paul u Marcelle xebba Borg, imwieled Pieta' fl-14 ta' Marzu 1985, residenti Nru 10, Casa Grindla, Triq Braille, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **174885**(M) li gie akkuzat talli:

**L-EWWEL (1) KAP**

***Assoċjazzjoni għat-traffikar tad-droga Cannabis***

Illi fit-tnejn u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel **Austin Mallia,** minn issa l-quddiem jissejjaħ ukoll l-akkużat**,** xjentement iddeċieda illi jassoċja ruħu ma persuni oħra bil-għan illi tiġi mportata d-droga, u ċioe l-ħaxixa tal-cannabis f'Malta, għal fini ta' traffikar.

Illi bħala parti minn investigazzjoni li kienet għaddejja mill-Iskwadra tal-Pulizija ta' kontra d-droga fis-sena elfejn u tmintax (2018) fejn fost l-oħrajn kienet qed tissorvelja l-movimenti ta' ċertu Michele Artale, irriżulta li propju fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tal-imsemmija sena, Michele Artale wasal Malta bil-katamaran. Illi mal-wasla tiegħu jirriżulta li baqa' sejjer direttament il-Ħamrun fejn deher dieħel fi blokka bl-isem ta' Sunshine Flats, sitwata fi Triq Nuzzo, il-Ħamrun. Illi l-għada it-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu, il-Pulizija baqgħet tissorvelja lill-imsemmi Michele Artale senjatament fuq il-fond bl-isem ta' Jane Ray li jinsab fit-Triq Il-Klin ġewwa l-Iklin fejn għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00) apparti Michele Artale, li dak il-ħin kien ġewwa l-imsemmi fond, ġiet innotata persuna maskili tieqaf b'vettura tal-għamla FIAT targata MIR-600. Illi din il-persuna dehret ħierġa mill-imsemmija vettura u tidħol fl-istess fond li kien qed juża Michele Artale. Illi mill-investigazzjoni rriżulta li dina l-persuna kienet l-akkużat Austin Mallia

Illi wara nofs siegħa l-akkużat deher ħiereġ mill-imsemmi fond rikeb fil-vettura tiegħu u jsuq sal-post fejn jirrisjedi fi Triq Braille ġewwa Santa Venera, fejn deher ibiddel il-vettura u jitlaq lura b'vann tal-għamla Isuzu targat KBJ 343. Illi taħt sorveljanza kontinwa, Austin Mallia saq lura għal Iklin għar-residenza ta' Michele Artale. Illi mal-wasla tiegħu għamel ftit tal-ħin jistenna fejn ftit tal-ħin wara Michele Artale tfaċċa jipparkja l-vettura tiegħu tal-għamla Toyota Vitz targata BCI 015. Illi għat-tieni darba konsekuttiva Austin Mallia deher dieħel ġewwa l-fond flimkien ma Michele Artale b'dana li ftit minuti wara t-tnejn li huma dehru ħerġin lura qed iġorru chest freezer bajda u jgħabbuha fuq il-vann li kien bih Austin Mallia.

Illi l-pjan miftiehem bejn Austin Mallia u Michele Artale kien sabiex Austin jiltaqa' ma ċertu Sandro Lo Presti, bil-vann tal-akkużat jintuża bħala il-mezz ta' trasport u ġarr tad-droga kannabis li kienet għadha kif waslet hawn Malta moħbija ġewwa tlett apparat komunament magħrufa bħala *white goods*, liema apparat sa dak il-ħin kien għadu fl-imħażen tal-Fahrenheit. Illi **Austin Mallia** l-ewwel ngħata struzzjoni biex imur fil-parkeġġ tal-boċċi klubb ta' Ħal Lija iżda wara ftit tal-ħin jistenna hemmhekk ngħata struzzjoni, dejjem mingħand Michele Artale, biex imur jiltaqa' ma Lo Prest fil-bitħa tal-Fahrenheit senjatament biswit l-Ambaxxata Amerikana ġewwa Ta Qali.

Illi għalkemm fil-mument li l-vann Isuzu deher dieħel fil-bitħa tal-Fahrenheit il-pulizija tilfet il-kuntatt b'dana li l-uffiċċjali li kienu qed josservaw il-movimenti tiegħu ma kienux jafu x'ġara kemm dam fil-bitħa, mill-filmati estrapolati mill-espert tal-Qorti minn diversi kameras, Austin Mallia jidher fil-parkeġġ bil-vann tiegħu u ftit tal-ħin wara jidher l-imsemmi Sandro Lo Presti b'vettura tal-marka KIA Picanto targata EBK 937 jipparkja ħdejn il-vann Isuzu. Illi mill-filmati jirriżulta li l-apparat kollu li kellu jinġabar kien ippakkjat flimkien fuq *pallet* u jidher qed jitgħabba fuq il-vann Isuzu mill-impjegat tal-Fehrenheit permezz ta' forklifter. Illi fil-filmati kemm Austin Mallia kif ukoll Sandro Lo Presti jidhru fuq iċ-ċellulari rispettivi tagħhom jitkellmu ma terza persuna b'dana li ħin minnhom Austin jidher jagħmel sinjal lil Sandro li min kien qed jikkomunika miegħu xtaq li jitkellem ma Sandro tant li l-akkużat jidher igħaddi ċ-ċellulari tiegħu lil Sandro.

Illi għal xi raġuni, wara li kien hemm skambju ta' kliem bejniethom Austin u Sandro jidhru qed iħottu żewġ kaxxi mill-vann għall-ġewwa l-vettura KIA li kien biha Sandro. Illi fuq il-vann Isuzu kien hemm iċ-chest freezer li tgħabbiet mill-Iklin u kaxxa oħra li tħalliet fuq il-*pallet.* Illi wara skambju ieħor ta' kliem bejniethom it-tnejn li huma jidhru jirkbu l-vetturi rispettivi tagħhom u jsuqu l-barra mill-bitħa.

Illi, dejjem taħt sorveljanza, meta l-akkużat reġa tfaċċa ħiereġ il-barra, beda jsuq id-direzzjoni lejn il-Ħamrun u waqaf appuntu fl-istess fond fejn il-ġurnata ta' qabel mar fih Michele Artale mal-wasla tiegħu hawn Malta. Illi malli l-akkużat waqaf u pparkja l-vann Isuzu, ftit ħin wara tfaċċat ukoll il-vettura KIA Piccanto ta' Sandro tipparkja fil-viċinanzi. Illi ftit tal-ħin wara Austin Mallia u Sandro Lo Presti dehru jħottu l-biċċtejn apparat, li kienu fuq il-vann Isuzu fl-imsemmi fond senjatament taħt it-taraġ tal-komun. Illi kien f'dan il-mument li l-Pulizija ddeċidiet li tintervjeni u tissekwestra dak kollu li kien ta' relevanza għall-investigazzjoni li kienet għaddejja.

Illi peress li Sandro Lo Presti beda jilmenta li ma kienx qed iħossu f'siktu ġie deċiż li tinġieb ambulanza sabiex tassistih, bl-apparat li kien fil-komun kif ukol il-vettura li kien biha l-istess Sandro jiġu ssiġġillati fil-preżenza tal-istess Sandro Lo Presti u Austin

Mallia b'kollox jittieħed fil-garaxx forensiku tal-Pulizija għal stħarriġ ulterjuri mill-esperti maħtura fl-Inkjesta mmexxija mill-Maġistrat.

Illi mit-tfittxija u l-analiżi li saret fuq l-apparat li kien mgħobbi kemm fuq il-vann Isuzu kif ukoll fil-KIA Picanto ġew elevati diversi pakketti li fihom deher li kien hemm sustanza li x'aktarx kienet ħaxixa tal-kannabis. Illi l-proċess tal-elevar sar fil-preżenza tal-akkużat, iddokumentat kif ukoll iffotografat mill-uffiċċjali tas-SOCO. Illi jingħad oltre li fl-apparat li ġie mgħobbi mill-fond tal-Iklin ma nstabet l-ebda sustanza.

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti fuq is-sustanza li nstabet fl-imsemmija pakketti li nstabu ġewwa l-apparat ġie kkonfermat li filfatt din kienet ħaxixa tal-kannabis fl-ammont nett ta' madwar tlieta u ħamsin (53) kilogramma bil-purita' ta' ċirka 11%.

Illi d-droga kannabis hija regolata taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

Illi b'għemilu l-akkużat **Austin Mallia** sar ħati talli assoċja ruħu flimkien u ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex tiġi ttraffikata l-ħaxixa kannabis f'dawn il-Gżejjer, madwar tlieta u ħamsin (53) kilogramma, u dana kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ppromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Austin Mallia** ħati talli assoċja ruħu flimkien u ma persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex jittraffikaw id-droga kannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Austin Mallia** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-

delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli oħra tiegħu skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2**, **22(1)(a)(f)(1A)(1B)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 24 , 24A 26** u **28** tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Austin Mallia**.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**

***Importazzjoni ta' droga Cannabis***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u cioe fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-akkużat Austin Mallia kkommunika ma persuni oħra, kif ukoll għenhom u assistihom sabiex jinġabar l-apparat, li fih kien hemm moħbija d-droga, liema apparat kien għadu kif wasal ġewwa pajjiżna fejn addirittura l-akkużat ipprovda l-vann Isuzu ta' missieru bħala mezz ta' ġarr.

Illi l-akkużat **Austin Mallia** ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-liġi li tippermettilu jimporta d-droga kannabis f'Malta.

Illi b'għemilu l-akkużat sar ħati bħala kompliċi kif ukoll talli ġiegħel li tiġi mportata, jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi mportata d-droga kannabis f'Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-gvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-akkużat **Austin Mallia** ħati b'kompliċita fl-importazzjoni tad-droga kannabis meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern, dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Austin Mallia** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2, 13, 14, 15A, 16, 22(1)(a),(1B)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 24 , 24A, 26** u **28** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u r-regola **9** tal-**liġi sussidjarja 101.02** u fl-**artikoli 23, 42(d), 43** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Austin Mallia**.

**<u>IT-TIELET (3) KAP</u>**

***Pussess aggravat tad-droga Cannabis***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u cioe fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) hekk kif appena ndikat fis-suespost eżattament malli l-Pulizija nterċettat il-vetturi Isuzu u KIA rriżulta li fl-apparat li kien hemm mgħobbija ġew elevati madwar tlieta u ħamsin (53) kilogramma ta' droga kannabis.

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll l-ammont innifsu tad-droga li nstabet fil-pussess tal-akkużat juru li tali droga ma' kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Illi *di piu* l-akkużat **Austin Mallia** ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga;

Illi b'għemilu l-akkużat **Austin Mallia** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu

liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu**;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-akkużat **Austin Mallia** ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern **f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu** dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Austin Mallia** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2**, **8(e), 13, 14, 22(1)(a)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 24 , 24A, 26** u **28** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Austin Mallia**.

**<u>Ir-RABA (4) KAP</u>**

***Pussess ta' droga Kokajina***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-att ta' Akkuża mill-investigazzjoni kondotta mill-pulizija marbuta u relatata mal-każ odjern irriżulta li f'dik is-sena kwindi fl-elfejn u tmintax (2018) u fis-sena ta' qabel l-akkużat

kien għamel użu mid-droga kokajina liema droga f'xi drabi kienet ġiet fornita lilu minn ħadd ħlief Michele Artale nnifsu.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-akkużat **Austin Mallia** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Austin Mallia** ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Austin Mallia** u li jiġi kkundannat għal piena ta' mhux anqas minn tnax-il (12) xahar iżda mhux iżjed minn għaxar (10) snin priġunerija u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli **9**, **10(1)**, **13**, **14**, **20**, **22(1)(a)**, **22(2)(a)(ii)**, **26** u **28** tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu **101** tal-liġijiet ta' Malta, fir-regola **9** tal-liġi sussidjarja **101.02** u fl-artikoli **17**, **18**, **23**, **31** u **533** tal-Kapitolu **9** tal-liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat **Austin Mallia.**

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat nhar il-31 t'Ottubru, 2023 fejn huwa eċepixxa eċċezzjoni waħda u ċioe' li r-raba' Kap tal-Att tal-

Akkuża huwa rritu u null u dan fid-dawl tat-tibdil legislattiv li sehh bl-Att LXVI tas-sena 2022.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal din l-eccezzjonijiet preliminari.

Permezz ta' digriet, din il-Qorti tablet klarifika mid-difiża għar-rigward tal-istess eċċezzjoni preliminari.

Rat in-nota ta' kjarifika ppreżentata nhar is-6 ta' Novembru, 2023 fejn eċepixxa s-segwenti:

*'Illi fir-raba' Kap tal-Att tal-akkuza l-Avukat Generali qed jattribwixxi lill-esponent ir-reat ta' pussess ta' droga ghall-uzu personali tieghu.*

*Issa, l-Att LXVI tal-2021 fl-Artikoli 28 et sec tieghu introduca emendi ghall-Att dwar dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux prigunerija) (Kap 537).*

*L-Artikolo 29 tal-Att LXVI tal-2021 emenda l-Artikolu 4 tal-Kap. 537. Bis-sahha ta' din l-emenda il-pussess semplici tad-droga kokajina fi kwantita ta' anqas minn zewg grammi ghall uzu personal huwa regolat bl-Artikolu 41 tal-Kap 537.*

*Illi l-Avukat Generali qed issejjes ir-raba Kap fuq il-fatt li fl-istqarrija l-esponent stqarrli jikkonsma l-kokajina (ara folio 45) u gieli xtera 'wahda' minghand Michele Artale. Jistqann ukoll illi ilhu jiehu l-kokajina minn meta kellu 29.*

*Illi pero minhejja t-tibdil legislattiv bl-Att LXVI tal-2021 l-Avukat Generali gahr-reat ta; pussessta' droga ghall-uzu personali qed jitlob fir-raba Kap tal-Att tal-akkuza l-piena kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101.'*

**Ikkunsidrat,**

Illi permezz tal-unika eċċezzjoni preliminari tiegħu l-akkużat qiegħed isostni illi r-Raba' Kap. tal-Att t' Akkuża huwa rritu u null u dan fid-dawl tat-tibdil legislattiv li seħħ bl-Att LXVI tas-sena 2021. Fir-Raba' Kap. tal-Att t' Akkuża, l-Avukat Ġenerali akkuża lill-akkużat Austin Mallia b'pussess ta' droga kokajina u li għaldaqstant għandu jinstab ħati ai termini tal-Artikolu 22(2)(a)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Att LXVI ta' 2021 emenda l-Artikolu 4 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan ġie jaqra hekk:

> *'4. (1) Fejn akkuża ta' ksur tal-liġijiet dwar id-droga tikkonsisti f'akkuża ta'* ***pussess ta' droga projbita li ma tkunx id-droga kannabis, fi kwantità ta' anqas minn żewġ grammi jew ta' żewġ pilloli tad-droga 'ecstacy' jew ta' żewġ pilloli projbiti oħra, irrispettivament mill-purità, f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed raġonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex għall-użu personali tal-persuna li għandha l-pussess tagħha, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u meta tinsab ħatja mill-Kummissarju għall-Ġustizzja assenjat mill-Ministru sabiex jisma' każijiet dwar reati ta' droga teħel penali bejn ħamsa u sebgħin euro (€75) u mija u ħamsa u għoxrin euro (€125):'***

*In primis*, din il-Qorti tixtieq tagħmel distinzjoni bejn dak ipprovdut fl-Artikolu 4 u dak ipprovdut fl-Artikolu 4A(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt illi l-Artikolu 4A(1) jipprovdi bl-iktar mod ċar illi fir-rigward tal-pussess għall-użu personali u konsum tad-droga kannabis minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, **ma għandux jikkostitwixxi reat**, mhux l-istess hemm stipulat fl-Artikolu 4 tal-Kap. 537 u dan kif ser jiġi spjegat iktar il-quddiem.

In oltre, din il-Qorti trid tistabilixxi jekk l-ammont ta' kokajina in kwistjoni kienx jaċċedi iż-żewġ grammi u dan in vista ta' dak ritenut fl-Artikolu 4 tal-Kap. 537 *supra* ċitat. B'ħarsa lejn l-atti, din il-Qorti jirriżultala illi kemm mill-istqarrija[1] tal-akkużat, kif ukoll mir-rapport[2] tal-Professur Sinagra, jirriżulta illi l-ammont ta' kokajina kien fil-fatt inqas minn żewġ grammi u mhux f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed jemmen li l-istess kokajina ma kinitx għall-użu personali tal-akkużat.

Illi għalhekk isegwi li din il-Qorti tagħmel issa referenza għall-Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' L-Att dwar il-Kummissarji tal-Gustizzja. L-Artikolu 3(4) ta' dan l-Att jipprovdi s-segwenti:

> *'(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, reat kontra l-* ***Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li tista' ssir prosekuzzjoni dwaru taħt dan l-Att m'għandux jieqaf milli jkun reat kriminali u l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom ġurisdizzjoni konkorrenti sabiex jagħtu deċiżjoni dwar dak ir-reat hekk iżda li l-piena applikabbli wara dħul fis-seħħ ta' dan l-Att m'għandhiex tkun ogħla mill-pieni li kienu jkunu applikabbli li kieku r-reat tressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att:***
>
> ***Iżda l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom, bis-saħħa ta' dan l-Att, is-setgħa li japplikaw kull piena li tista' tiġi applikata minn Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att fir-rigward ta' reat li skont dan l-Att għandu jitressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja:'***

Għaldaqstant, il-pussess t'inqas minn żewġ grammi kokajina m'għandux jieqaf milli jkun reat kriminali iżda l-piena applikabbli m'għandiex tkun dik ai termini l-Artikolu

[1] Fol. 44 et seq tal-process.
[2] Fol. 48 et seq tal-process.

22(2)(a)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta iżda għandha tkun dik stipulata fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-akkużat li r-Raba' Kap tal-Akkuża huwa rritu u null, madankollu, hi tal-fhema illi għandha ssir korrezzjoni f'dan ir-rigward.

Illi l-artikolu 597(1) tal-Kodiċi Kriminali jagħti d-dritt lill-Qorti *ex officio* illi purche' ma jiżdied xejn fl-Att ta' l-Akkuza li jkun jista' jagħmel iżjed gravi r-reat, tagħmel dawk il-korrezzjonijiet meħtiega. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Zammit et** (31/07/1998) ġie deċiż illi:

> *"Una volta li l-Qorti Kriminali ma tkunx sodisfatta li l-iter tal-gustizzja jkun sejjer jigi servut ahjar bil-mod li l-Avukat Generali jkun qed jitlob tali korrezzjoni, jkollha kull dritt li tassigura li l-att ta' l-akkuza jigi korrett in sintonija mad-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kodici Kriminali".*

L-unika kundizzjonijiet li timponi l-liġi huma li tali korrezzjoni ssir qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-mistoqsija jekk hux ħati jew le u ebda ħaġa m'għandha tiżdied fl-Att ta' l-Akkuża li tkun tista' tagħmel iżjed gravi r-reat u ċioe' li r-reat ma jsirx aktar gravi bil-korrezzjoni f'Att ta'Akkuza, jew il-bdil tiegħu, jew f'xi Kap minn tiegħu, bil-piena kif stabbilita mill-liġi.

Ġie ukoll ritenut li l-Att tal-Akkuża ma jistax jiġi annullat minħabba żbalji li jistgħu, skond il-liġi, jiġu korretti mill-Qorti fil-kors tal-kawza. (ara. **Regina vs. Cutajar**, Qorti Kriminali , 17.10.1987 u **Rex vs. C. Camilleri** , Qorti Kriminali , 2.5.1905 )

In oltre, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Spiteri**[3] fejn ġie ritenut is-segwenti:

> *'Mela ghandu jissemma l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat biss ghall-fini tat-talba dwar il-piena. Issa, skond **l-artikolu 599(2) tal-Kodici Kriminali kull zball fir-referenza ghall-artikolu tal-***

[3] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar is-27 t' Ottubru, 2008.

> ***Kodici Kriminali jew ta' ligi ohra li ssemmi l-piena li l-applikazzjoni taghha tkun giet mitluba fl-att ta' l-akkuza, jista' jigi korreggut f' kull zmien sakemm tinghata s-sentenza.*** *Dan oltre dak li gja gie osservat b' riferenza ghall-artikolu 597 (1) u (2) dwar korrezzjoni ta' zbalji fl-att ta' l-akkuza.*
>
> ***Ghalhekk dan id-difett fl-att tal-akkuza, li gustament qed jilmenta minnu l-akkuzat, ma jwassalx ghan-nullita tal-ewwel kap tal-att tal-akkuza kif qed jippretendi l-akkuzat, ghaliex jista' jigi rimedjat bil-korrezzjoni opportuna, kif ser jigi ordnat minn din il-Qorti fil-parti dispozittiva tas-sentenza.'***

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti **qedgħa tiċħad l-unika eċċezzjoni preliminari tal-akkużat tan-nullita' tar-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża iżda, bis-saħħa ta' dak li jipprovdu l-artikoli 597 u 599 tal-Kodiċi Kriminali**, tagħti direttiva sabiex fl-aħħar paragrafu tar-Raba' Kap tal-Att t'Akkuża ssir korrezzjoni billi is-segwenti paragrafu għandu jiġi kkancellat:

> *'..piena ta' mhux anqas minn tnax-il (12) xahar iżda mhux iżjed minn għaxar (10) snin priġunerija u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 13, 14, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii), 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta, fir-regola 9 tal-liġi sussidjarja 101.02..'*

**U sussegwentament għandu jiġi sostitwit bis-segwenti:**

> *'..penali bejn hamsa u sebghin euro (€75) u mija u hamsa u ghoxrin euro (€125) skont dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 4(3) tal-Att dwar Dipendenza Fuq Id-Droga (Trattament Mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarji ghall-Gustizzja, Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta..'*

Tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imħallef**